# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## Seduta tal-lum it-Tlieta 25 ta' Settembru 2001

## GUDIKATUR: Dr Grazio Mercieca LL.D.

Avviz numru 21/01GT

Dr Aaron Attard Hili LL.D.

-vs-

Joseph Sultana

## It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-talba u cioe':

"Peress illi l-attur irrenda servizzi legali u professjonali extra gudizzjarji lill-konvenut u dan fuq inkarigu ta' l-istess konvenut u liema servizzi jkunu spjegati waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Peress illi minkejja li saru l-imsemmija servizzi l-attur baqa' ma thallasx ta' l-inkarigu msemmi;

Peress illi l-istess drittijiet gew intaxxati ai termini ta' l-Artikolu 556 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' Nota numru 85/01G7 ippezentata fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja;

Peress illi minkejja li l-konvenut gie debitament interpellat sabiex jersaq ghall-hlas u drittijiet professjonali a bazi ta' l-istess taxxa ufficjali, l-istess konvenut baqa' inadempjenti;

Talab li dan it-Tribunal

1: Jiddikjara li l-konvenut jinsab diebitur fil-konfront ta' l-attur fis-somma ta' hamsa u tmenin lira Maltija (Lm85) ghas-servizzi resi kif fuq imsemmija;

2. tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' hamsa u tmenin lira Maltija (Lm85).

Bl-ispejjez ta' l-ittra ufficjali datata 19 ta' Gunju 2001 inkluz ukoll l-ispejjez tan-Nota relattiva u datata 10 ta' Mejju 2001 minn issa l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Illi l-konvenut ma pprezentax risposta izda deher ghas-seduta li nzammet mit-Tribunal fit-18 ta' Settembru 2001 li ghaliha deher ukoll l-attur. Il-partijiet xehdu u spjegaw il-posizzjoni rispettiva taghhom.

Ikkunsidra:

Illi jirrizulta li l-attur ghal certu perjodu kien jiffrekwenta r-restaurant tal-konvenut li huwa ta' klassifikazzjoni gholja u jiekol hemm minghajr ma jintalab ihallas, u f'okkazjoni minnhom intalab mill-konvenut jassistieh fi kwistjoni li kellu mal-gara. B'konsegwenza l-attur intavola appell quddiem it-Tribunal ta' l-Appelli dwar Licenzji tal-Pulizija. Filwaqt li l-partijiet ghamlu referenza ghal dan l-appell, ebda wiehed minnhom ma semma' xejn dwar l-ittra lid-Dipartiment tal-VAT jew dwar konsultazzjoni u telekom li jinstabu fatturati fit-taxxa esebita flimkien ma' l-avviz tat-talba u ghalhekk ebda prova ma tressqet dwarhom.

Illi jirrizulta li l-attur baghat il-kont wara li l-konvenut talbu ma jersaqlux iktar lejn ir-restaurant tieghu billi dehrlu li l-attur, bl-agir tieghu, kien qieghed itelfu n-negozju.

Illi ghalhekk kien hemm certa amicizja bejn il-partijiet kontendenti li wasslet lill-konvenut, tajjeb jew hazin, biex jikkonkludi li l-gratuwita da parti tieghu kellha tigi reciprokata mill-attur meta dan irrendielu servizz jew servizzi professjonali. Mhux hekk hasibha l-attur, tant li kien hemm xi okkazjonijiet ohra meta ppresta s-servizzi tieghu kemm lill-attur kif ukoll lil martu u rcieva xi hlas ghas-servizzi tieghu.

Fic-cirkostanzi, dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' in parte t-talbiet ta' l-attur billi jillikwida *arbitrio boni viri* l-ammont li ghandu jithallas mid-drittijiet professjonali ta' l-attur kif intaxxati fis-somam ta' hamsa u tletin lira u ghalhekk jikkundanna lill-konvenut biss ghall-istess ammont ta' hamsa u tletin lira (Lm35).

L-ispejjez ghandhom jigu ssopportati nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

(ft.) Grazio Mercieca
Gudikatur

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur